MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 134/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stefan Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stefan Galea talli fl-24 ta' Lulju 2004, ghall-habta tas-6.00 a.m., fi Triq il-Kosta, Salina limiti tan-Naxxar, saq vettura numru STF-975 u:

(1) Qasam il-linji bojod kontinwi; u

(2) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rebecca Rice kif ukoll griehi ta'

natura hafifa fuq il-persuna ta’ Richard Rice skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Stefan Galea jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta u lliberat lill-imsemmi Stefan Galea minnha izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) u ordnat l-iskwalifika tieghu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Stefan Galea pprezentat fit-29 ta’ April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni stante li kienet tirrizulta preskritta, tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta’ din it-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ma tatx piz dovut ghal fatti determinanti li kienu jiskolpawh u minflok bidlet fi provi cirkostanzi mhux determinanti li zvijawha minn analizi aktar preciza tad-dinamika ta’ l-incident.

L-appellant jghid fir-rikors ta' appell tieghu li d-*debris* li jidher fl-iskizz tal-Pulizija quddiem it-*tyremarks* mhumiex ta’ l-i*spot of impact* ghax dan seta’ kien biss fil-prossimita`

ta’ fejn tinsab indikata l-vettura tieghu billi wara l-impatt ir-rota tal-vettura tieghu tghawget ghal kollox. Jghid li hu kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u kien il-minibus misjuq minn Mario Briffa li dar il-liwja mid-direzzjoni ta’ Bugibba b’sahha u gie fuq in-naha tieghu tat-triq u t-tentattiv li ghamel is-sewwieq tal-minibus biex jerga’ lura fuq in-naha tieghu tat-triq kien tard wisq biex jiskansa l-impatt. Skond l-appellant, bid-daqqa l-vettura tieghu daret lejn il-lemin u spiccat fin-naha l-ohra tat-triq waqt li l-minibus tilfet il-kontroll u habtet mal-hajt u nqalbet.

P.S. 586 Joseph Brincat xehed li kien mar jinvestiga l-incident stradali in kwistjoni. Hemm sab li l-kollizjoni kienet bejn vettura misjuqa mill-appellant u minivan misjuq minn Mario Briffa li kellu zewg turisti mieghu. Il-vann kien inqaleb. Huwa kellem lill-appellant fuq il-post izda dan ma ried jghidlu xejn. *Breathalyser test* li sarlu ta rizultat ta’ tnax-il unit. Ix-xhud qal li kellem ukoll lil Mario Briffa li qallu li kien sejejr fid-direzzjoni tan-Naxxar b’zewg passiggieri biex iwassalhom l-ajruport u li ma kienx mghaggel, meta f’daqqa wahda ra vettura gejja fuq in-naha tieghu tat-triq, ipprova jaghfas mal-bankina kemm seta’, tah daqqa fuq in-naha ta’ wara tal-lemin u qalbu. Wahda mill-passiggieri, Rebecca Rice, sofriet griehi ta’ natura gravi. Qal ukoll li kellem lill-passiggier l-iehor (Richard Rice) li wkoll qallu li ma kienx mghaggel u li kien ra vettura gejja go fihom, ix-xufier isswervja lejn il-hajt izda l-vann xorta ntlaqat fuq in-naha ta’ wara u spiccaw maqlubin.

Mario Briffa, is-sewwieq tal-minivan, jghid li fil-gurnata in kwistjoni ghall-habta tas-6.00 a.m. kien gabar lill-passiggieri tieghu biex iwassalhom l-ajruport u kien qed isuq minghajr ghagla ta’ xejn u kien intenzjonat limis-Salini idur fuq il-lemin sabiex jaqbad it-telgha ta’ Alla u Ommu. Kien diga dar il-liwja ta’ qabel u kien miexi ghad-dritt meta ra lill-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta u f’daqqa wahda din giet ghan-naha tieghu, hu kiser lejn ix-xellug kemm seta’ izda l-vettura l-ohra haditu fuq in-naha tal-genb ta’ wara tal-lemin u l-vann ifflippja ghal fuq ix-xellug. Qal li t-*tyre marks* indikati fuq l-iskizz tal-Pulizija thallew mill-vann li kien qieghed isuq.

Stefan Galea xehed li kien gej mill-Msida sejjer lejn Bugibba meta ra l-vann idur mil-liwja tas-Salini gej fid-direzzjoni opposta bis-sahha. Hu kien qed isuq lejn nofs it-triq mhux inkaxxat mal-hajt. Kif ra l-vann mill-faccata pprova jigbed lejn ix-xellug izda ma rnexxilux. Il-vann lehqu, habat mieghu u ghamel il-manuvra li halliet it-*tyre marks* u sinjali mal-hajt u nqaleb. L-appellant qal li bid-daqqa dar fuqu nnifsu biex gie kwazi jhares fid-direzzjoni opposta.

Minn dawn il-provi jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, it-*tyre marks* ma thallewx mill-karrozza li kien qieghed isuq l-appellant izda mill-minivan misjuqa minn Mario Briffa. Jirrizulta ghalhekk ukoll li l-i*spot of impact* ma kienx fejn hemm indikazzjoni ta' *debris* fuq l-istess skizz izda fl-inhawi ta' fejn waqfet il-karrozza ta' l-appellant. Issa, l-appellant ghamel enfasi fuq il-liwja li minnha kien dar Briffa u allega lid an tant dar b'velocita mill-istess liwja li mar *wrong side* u ma kellux hin jigi ghad-dritt. Din il-Qorti ma tqisx dan bhala verosimili ghar-raguni li bejn il-liwja u l-post fejn sehh l-incident hemm zgur distanza twila bizzejjed biex Briffa, anke jekk verament mar xi ftit *wrong side*, seta' facilment jiehu postu fuq in-naha tieghu tat-triq. Min-natura tal-hsarat huwa wkoll evidenti li kienet il-karrozza misjuqa mill-appellant li tat daqqa "soda" lill-minivan. L-appellant kien gej min-naha ta' l-Msida u hu wkoll kien dar minn liwja. Jikkoncedi li kien qieghed isuq lejn nofs it-triq. Fil-fehma tal-Qorti kien anke qabez nofs it-triq u l-fatt li kien ghadu kemm immanuvra liwja u gie ghad-dritt, bil-velocita li kellu u nuqqas ta' attenzjoni ma setax jagixxi tempestivament, u lanqas kellu l-opportunita li jaghfas il-brejkijiet. U anke jekk kien hemm xi kontributorjeta da parti tas-sewwieq tal-minivan, dan ma jiskolpax lill-appellant.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jghid li din kienet severa wisq, specjalment il-perijodu ta' tliet xhur sospensjoni.

Irid jinghad qabel xejn, pero li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ccitat l-art. 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65. Dan mhuwiex applikabbli peress illi l-appellant ma giex akkuzat ta' sewqan traskurat jew negligenti a tenur tal-Kap. 65.

Naturalment dan ma jipprekludix lill-Qorti milli xorta tiskwalifika lill-appellant mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal xi perijodu; izda dan a tenur ta’ l-artikolu 30 tal-Kap. 9.

Meta din il-Qorti qieset il-fatti kollha tal-kaz u qieset il-fedina penali ghal kollox netta ta’ l-appellant, jidhrilha li hemm lok ta’ temperament fil-perijodu ta’ skwalifika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-ewel imputazzjoni hi preskritta u lliberatu minnha u in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta u kundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm250, tirrevokaha in kwantu skwalifikatu mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien tliet xhur u minflok tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta’ tmint ijiem li jibdew minn nofs-il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------